



Brussell, 26 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5355/26

LIMITE

CORLX 57
CFSP/PESC 73
MOG 5

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/15321.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kieku l-Iran kellu jitransferixxi missili ballistiċi u teknoloġija relatata lir-Russja biex jintużaw kontra l-Ukrajna wara li pprova lir-reġim Russu vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), li jintużaw f'attakki bla waqfien kontra l-popolazzjoni ċivili fl-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea tkun lesta tirrispondi malajr u f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż b'miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-aċċess tar-Russja għal oġġetti u teknoloġiji sensitivi b'rilevanza għall-kampijiet tal-battalja jrid jiġi ristrett kemm jista' jkun, inkluż billi jiddaflu fil-mira entitajiet fpajjizi terzi li jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi. Il-Kunsill Ewropew appella lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) u lill-Kummissjoni biex iħejju aktar sanzjonijiet kontra l-Belarussja, il-Korea ta' Fuq u l-Iran.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj>)

- (3) Fit-13 ta' Settembru 2024, f'dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni, l-Unjoni kkundannat bil-qawwa t-trasferiment ta' missili ballistiċi magħmula fl-Iran lejn ir-Russja, meqjusa bħala theddida diretta għas-sigurtà Ewropea u bħala eskalazzjoni materjali sostantiva mill-forniment ta' UAVs u munizzjon Iranjani, li r-Russja kienet użat fil-gwerra ta' aggressjoni illegali tagħha kontra l-Ukrajna. L-Unjoni lesta tirrispondi malajr u f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż b'miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran, fosthom id-deżinjazzjoni ta' individwi u entitajiet involuti fil-programmi ta' missili ballistiċi u droni tal-Iran, u f'dak ir-rigward kienet qed tikkunsidra wkoll miżuri restrittivi fis-settur tal-avjazzjoni tal-Iran.
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li t-trasferimenti tal-armi u l-approfondiment tal-kooperazzjoni militari bejn ir-Russja u r-RDPK u l-Iran, kif ukoll l-iskjerament tal-forzi militari tar-RDPK lejn ir-Russja u l-użu tagħhom fil-kamp tal-battalja kontra l-Ukrajna jirrapreżentaw eskalazzjoni internazzjonali tal-gwerra, b'konsegwenzi serji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.
- (5) Ir-Russja qed tuża UAVs u komponenti ta' UAVs prodotti fl-Iran b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li tikser is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż kontra l-persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili. Il-programm Iranjan sponsorjat mill-Istat għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' UAVs għalhekk jikkontribwixxi għall-ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali.

- (6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li erba' persuni u sitt entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PEŠK) 2023/1532 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"21.	Amir RADFAR	رادفر مير (ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Direttur ta' Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG) Data tat-twelid: 22.12.1971 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Amir Radfar huwa d-direttur ta' Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG). SBIG timmanifattura missili ballistiċi bi fjuwil solidu u hija sussidjarja tal-Aerospace Industries Organization (AIO), elenkata mill-UE, li tissorvelja l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-missili ballistiċi tal-Iran. Għaldaqstant, Amir Radfar huwa involut fil-programm tal-missili tal-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
22.	Hossein HEMSI		Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal Kap Eżekuttiv u azzjonist ta' Fanavaran Sanat Ertebatat Company Data tat-twelid: 27.10.1982 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: 0532987276	Hossein Hemsy huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u azzjonist ta' Fanavaran Sanat Ertebatat Company (FSE). FSE hija kumpanija privata li tforni komponenti elettroniki kritiċi u sistemi ta' gwida għar-reżistenza għall-interferenza lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organisation (IRGC SSJO) u b'hekk hija involuta fil-programm ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) tal-Iran. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv u azzjonist ta' FSE, Hossein Hemsy huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-ejenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
23.	Armin Ghorsi ANBARAN	قرصى آرمين عنبران (ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Membru tal-Bord u azzjonist ta' Fanavaran Sanat Ertebatat Company Data tat-twelid: 21.9.1983 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: 0065911601	Armin Ghorsi Anbaran huwa Membru tal-Bord u azzjonist ta' Fanavaran Sanat Ertebatat Company (FSE). FSE hija kumpanija privata li tforni komponenti elettroniċi kritiċi u sistemi ta' gwida għar-reżistenza għall-interferenza lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organisation (IRGC SSJO) u b'hekk hija involuta fil-programm ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) tal-Iran. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Membru tal-Bord u azzjonist ta' FSE, Armin Ghorsi Anbaran huwa involut fil-programm UAV tal-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-ejenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
24.	Hossein BAKSHAYESH	بخشايش حسين (ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal Kap Eżekuttiv u Direttur Maniġerjali ta' Sahara Thunder Data tat-twelid: 22.5.1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: 1189810190	Hossein Bakshayesh huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u d-direttur maniġerjali ta' Sahara Thunder. Sahara Thunder hija kumpanija kummerċjali Iranjana tal-importazzjoni u l-esportazzjoni li taġixxi bħala kumpanija faċċata għall-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL). F'din il-kapaċità, hija tforni vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), komponenti individwali, u teknoloġija relatata lir-Russja u tirċievi pagamenti mir-Russja għall-konsenja ta' dawk l-oġġetti u s-servizzi. Bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv u direttur maniġerjali ta' Sahara Thunder, Hossein Bakshayesh għalhekk iforni u huwa b'xi mod ieħor involut fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	+";

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-ejenkar.

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"21.	Sahara Thunder magħrufa wkoll bħala Tondar Sahara Co. magħrufa wkoll bħala Tondar Sahra Private Limited Company magħrufa wkoll bħala Desert Thunder Company	تندر شرکت صحرا (ortografija Farsi)	Indirizz: No. 2, Moghadas Alley, Għasir St., Beheshti St. Tehran, Iran Indirizz: Fifth Floor, No. 2, Shahid Hassan Moghadam Alley, Shahid Ahmad Ghsir Str. Argentine, Saei St. Tehran, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Iran Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 94186 Numru tal-identità nazzjonali: 10101382714 Numru tal-Kamra tal- Kummerċ: 131454 Sit web: www.saharathunder.com	Sahara Thunder hija kumpanija kummerċjali Iranjana tal-importazzjoni u l-esportazzjoni li taġixxi bħala kumpanija faċċata għall-Ministeru Iranjan għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL). F'din il-kapaċità, hija tforni vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), komponenti individwali, u teknoloġija relatata lir-Russja u tirċievi pagamenti mir-Russja għall-konsenja ta' dawk l-oġġetti u s-servizzi. Għalhekk, Sahara Thunder tforni u hija b'xi mod ieħor involuta fit-trasferiment tal-UAVs jew ta' missili jew teknolġiji relatati jew komponenti tagħhom tal-Iran b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
22.	Fanavaran Sanat Ertebatat Company (FSE)	صنعت آوران فن شرکت ارتباطات (ortografija Farsi)	Indirizz: Yousef Abad Neighbourhood, Kordestan Express Way, Seyyed Sohrab Akhlaqi street 37, Tehran, Iran Tip ta' identità: Kumpanija privata Numru tal-identità nazzjonali: 10102884046 Numru tan-Negozju: 247799	Fanavaran Sanat Ertebatat Company (FSE) hija kumpanija privata li tforni komponenti elettroniċi kritiċi u sistemi ta' gwida reżistenti għall-interferenza lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organisation (IRGC SSJO). Hija wkoll membru tal-Iranian Aviation and Space Industries Association (IASIA), li takkwista komponenti f'isem l-IRGC għall-manifattura ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs). Għaldaqstant, FSE hija involuta fil-programm tal-UAVs tal-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
23.	Pishgaman Tejarat Rafi Novin Co.	رفيع تجارت پيشگامان نوین (ortografija Farsi)	Indirizz: Tehran Leyzan Hossein Abad Javanshir Street, Corner of Ordibehesht St., No. 10, Postal Code: 166993356, Iran Tip ta' entità: Kumpanija Privata Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Iran Data tar-reġistrazzjoni: 10.12.2007 Numru tar-reġistrazzjoni: 311045 Numru tal-Identità Nazżjonali: 10103503385	Pishgaman Tejarat Rafi Novin Co. hija kumpanija privata b'rabtiet ma' entitajiet involuti fil-programm tal-missili tal-Iran. Pishgaman Tejarat Rafi Novin Co. akkwistat ammonti sinifikanti ta' perklorat tal- ammonju, propellant ewlieni għal missili bi fjuwil solidu, mingħand fornituri barranin għall- programm tal-missili tal-Iran. Pishgaman Tejarat Rafi Novin Co. hija għaldaqstant involuta fil- programm tal-missili tal-Iran.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
24.	Arsang Safe Trading Co.	تجارت ایمن شزکت ارسنگ (ortografija Farsi)	Indirizz: 901, Negin Saii Tower, Vali-asr St., 14338 Tehran, 901, Negin Saii Tower, vali-asr st., 14338, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Iran Data tar-reġistrazzjoni: 3.3.2014 Numru tar-reġistrazzjoni: 450913	Arsang Safe Trading Co. hija strumentali biex tgħin fl- akkwist min-naħa tar-Russja ta' Missili Ballistiċi ta' Medda Qasira (CRBMs) u ingeni tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) mill-Iran permezz tal- kollaborazzjoni tagħha ma' Sahara Thunder. It-Taqsima tal-Provvista, ir-Riċerka u l-Affarijiet tal-Industrija tal- Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran tissorvelja dawn il-ftehimiet militari, u b'hekk taqdi rwol ewlieni fl-isforzi ta' riċerka u żvilupp militari tal-Iran. Sahara Thunder kellha kuntratti ta' noleġġ bil-ħin ma' kumpaniji bbażati fl-Indja għall-bastiment CHEM, li ilu jintuża għal konsenji multipli ta' UAVs, mill-2022. Arsang Safe Trading Co. iprovdiet servizzi ta' ġestjoni ta' bastimenti għal dawn il-konsenji, filwaqt li aċċertat it-trasferiment bla xkiel ta' UAVs.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-ejenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Bħala sussidjarja tal-MODAFI, Sahara Thunder hija kruċjali fid-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura, u l-bejgħ ta' UAVs użati mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.</p> <p>Arsang Safe Trading Co. hija assoċjata ma' Sahara Thunder u hija involuta fit-trasferiment tal-UAVs jew il-missili tal-Iran jew teknoloġiji relatati jew komponenti tagħhom lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
25.	Asia Marine Crown Agency magħrufa wkoll bħala Asia Marine Crown Shipping Agency magħrufa wkoll bħala Asia Marine Crown Shipping Agency Services Company magħrufa wkoll bħala Taj Daryaye Asia	آسیا دریای تاج (ortografija Farsi)	Indirizz: Unit. 7, 1st Floor, BLDG No. 21, Kar Va Tejarat Av., Vanak St., Vanak Sq, Tehran, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Iran Data tar-reġistrazzjoni: 9.1.2019 Numru tar-reġistrazzjoni: 10977 Numru tal-Identità: 14008069775	Asia Marine Crown Agency hija kumpanija faċċata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL). Din l-aġenzija serviet bħala l-aġent tal-port f'Bandar Abbas, l-Iran, billi ffaċilitat diversi konsenji ta' partijiet ta' inġenji tal- ajru mingħajr bdot abbord (UAV) u oġġetti b'użu doppju għal proġetti ta' Sahara Thunder li jipprovdu UAVs lir-Russja. Sahara Thunder, kumpanija faċċata oħra tal-MODAFL, tissorvelja l- attivitajiet kummerċjali tal-Iran relatati mad-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura, u l-bejgħ ta' UAVs, li ħafna minnhom jiġu ttrasferiti lir-Russja għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Asia Marine Crown Agency hija involuta fit- trasferiment tal-UAVs jew il-missili tal-Iran jew teknoloġiji relatati jew komponenti tagħhom lir- Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
26.	Khojir Missile Development and Production magħrufa wkoll bħala Khojir Missile Production Complex		Post: Teheran Province, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Iran	<p>Khojir Missile Development and Production qed tmexxi l-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran, li qed jespandi bil-kbir il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tiegħu. Khojir Missile Development and Production espandiet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin biex tibni armi għar-Russja u l-hekk imsejħa "Assi ta' Reżistenza". Din l-espansjoni ssegwi ftehim ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu l-Iran qabel li jforni missili lir-Russja għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p> <p>Mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, l-Iran baġhat missili ballistiċi qawwija mill-wieċ għall-wieċ lir-Russja, inkluż Missili Ballistiċi ta' Medda Qasira (CRBMs) Fath-360. Il-faċilità ta' Khojir tintuża biex jiġu prodotti diversi tipi ta' missili u hija ġestita mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u mill-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL). Dawn il-faċilitajiet jintużaw għall-iżvilupp u l-manifattura ta' sistemi ta' armi avvanzati, inkluż missili ballistiċi bi propellant solidu.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala d-data tal-elenkar.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni tal- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				Għalhekk, Khojir Missile Development and Production qed tforni l-missili tal-Iran jew teknoloġiji relatati jew komponenti tagħhom, jew hija involuta mod ieħor fit-trasferiment tagħhom, lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	